# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI FAMILJA

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 3 ta' Frar 2023**

**Rikors Ġuramentat numru: 37/2022 BS**

**SS**

**-vs-**

**MGA**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur SS illi ppremetta:**

i. ILLi l-esponenti żżewweġ lil[l-]intimata nhar is-sitta (6) ta' Diċembru 1997 (Vide ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat Dok A), minn liema żwieġ ma twieldux [sic] tfal;

ii. ILLI l-partijiiet isseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku datat ħdax (11) ta' Mejju 2012 [i]ppubblikat min-Nutar Anthony Hili (Dokument B);

iii. ILLI l-partijiet qatt ma reġgħew irrikonċiljaw u r-rikorrenti ma jara l-ebda prospett raġjonevoli li dan isir;

iv. ILLI ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment;

v. ILLI l-esponenti jrid li dan iż-żwieġ jiġi maħlul permezz ta' divorzju li jiġi pronunzjat minn din l-Onorabbli Qorti.

**Talab lil Din l-Onorabbli Qorti:**

i. Tiddikjara li ż-żwieġ bejnhu [sic] u bejn l-intimata huwa maħlul u għalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom;

ii. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku, kif ukoll li jagħmel id-debita korrezzjoni fiċ-ċertifikat.

**Rat** l-atti;

**Rat** li l-konvenuta ma ppreżentat l-ebda risposta iżda madankollu xehdet fis-seduta tas-19 ta Jannar, 2023;

**Semgħet** ix-xhieda tal-konvenuta fis-seduta msemmija;

**Rat** li dak inhar stess il-kawża ġiet differita għas-sentenza għal-lum;

**Ikkunsidrat:**

**Rat** l-Artikoli 66A, 66B, 66Ċ tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Rat** illi l-kondizzjonijiet meħtieġa għad-divorzju ġew kollha sodisfatti, infatti l-konvenuta kkonfermat bil-ġurament tagħha illi ma hemm l-ebda pendenzi bejn il-partijiet, li ma hemm l-ebda possibbiltà ta' rikonċiljazzjoni u li hija ma għandha l-ebda oġġezzjoni li t-talbiet tal-attur jiġu milqugħa purché l-ispejjeż kollha ta' dan il-proċediment ikunu a karigu tal-attur;

In vista ta' dak dikjarat mill-konvenuta u l-fatti esposti mill-attur fir-rikors ġuramentat tiegħu din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet kif dedotti.

**Decide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur u filwaqt li tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet, tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien xahar mil-lum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Spejjeż għandhom jitħallsu interament mill-attur.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur